MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**

**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2014

Numru. 1202/2010

**Il-Pulizija**

**Spettur Kevin Farrugia**

**vs**

**Maria Elena Mifsud**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Maria Elena Mifsud sive Agius maghrufa bhala Marlene Mifsud ta’ 55 sena, bint Anthony Agius u Giovanna nee’ Attard, imwielda Birkirkara, Malta, nhar it-18 ta’ Ottubru 1955 u residenti Numru 174, Triq il-Kbira, Birkirkara u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 0705155(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli:

Nhar it-23 ta’ Ottubru 2010 ghall-habta tal-11.00 A.M., gewwa Triq il-Kbira, B’Kara u f’ dawn il-Gzejjer Maltin ikkagunat feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Maria Teresa Zarb li ghandha numru tal-identita’ 0228164(M) kif iccertifikat Dr. Anna Grushenko M.D. – Reg No. 5301 tal-isptar Mater Dei.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Maria Teresa Zarb li ghandha numru tal-identita’ 0228164(M), bil-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 8 ta’ Awwissu 2012 (esebita a fol. 140 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet fil-konfront tal-imputata taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 214, 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) fl-artikoli 382A, 383, 384, 386, 412C u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li l-imputata waqt l-udjenza tal-20 ta' Settembru 2012 iddikjarat li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda bejn zewg nisa girien, u cioe' l-imputata Maria Elena Mifsud u l-allegata vittma Maria Tereza Zarb liema glieda sehhet fit-23 ta' Ottubru 2010 ghall-habta tal-11.00am fi Triq il-Kbira Birkirkara, fejn Maria Tereza Zarb sofriet griehi ta' natura gravi konsistenti fi ksur tal-ghadma tal-imnieher skond kif jirrizulta mic-certifikati medici nseriti a fol. 14 u 74 tal-atti processwali, kif ukoll mix-xhieda ta' Dr. Anna Grushenko li xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 2011, u mir-rapport tal-espert mediku mahtur minn din il-Qorti Dr. Mario Scerri.[1] Maria Tereza Zarb qed tallega li hija sofriet dawn il-griehi minhabba daqqa li qalghet minghand l-imputata.

Ikkunsidrat:

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 113 sa 132 tal-atti processwali.

Illi l-allegata vittma Maria Tereza Zarb xehdet f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 2011 fejn qalet li fil-gurnata in dizamina kienet fid-dar taghha meta l-imputata li kienet gara daqqet il-qanpiena u meta hija ttawlet minn fuq rat lill-istess imputata hdejn il-bieb tal-komun u nizlet sabiex tkellimha. Zarb issostni li malli kienet qed tiftah il-bieb l-imputata mbuttat l-istess bieb, dahlet gewwa u tatha daqqa f' imnehirha u mbaghad bdiet tistaqsiha (lil Zarb) il-ghala kienet qed tkellem lil zewgha minn fuq il-bjut tad-djar rispettivi taghhom.  Zarb tghid li hija nnegat li kienet tkellem lir-ragel tal-imputata u tispjega li hi u l-imputata mbaghad komplew jillatikaw fejn hi baqghet tghid lill-istess imputata li ma kien hemm xejn bejn zewgha u hi.  Zarb allegat ukoll li l-imputata pruvat twadbilha pjanta tal-plastik miksija bil-gebel u spjegat li hija rnexxilha twaddab lill-imputata 'l barra billi mbuttatha minn daharha. L-allegata vittma qalet ukoll li wara hija telghat fuq fl-appartament taghha fejn cemplet lil zewgha li kien ix-xoghol u qaltlu x' kien gara.  Hija kompliet tghid li wara marret l-Isptar fejn sarulha xi X-Rays u gie kkonstatat li kellha ksur fl-ghadma ta' mnehirha. L-allegata vittma sostniet li din ma kinitx l-ewwel darba li l-imputata kienet avvicinata u qaltilha sabiex ma tkellimx lil zewgha u qalet li l-imputata kienet anki qalet lil zewgha li martu kellha relazzjoni mar-ragel taghha. Meta xehdet in kontro-ezami waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2012 Maria Tereza Zarb ammettiet li wara li telghat fuq u cemplet lil zewgha hija marret taghmel xagharha ghand il-hairdresser u kien biss diversi sighat wara l-akkadut li hija marret taghmel rapport l-Ghassa u mbaghad marret l-Isptar fejn sarulha l-X-Rays.

L-imputata Maria Elena Mifsud ghazlet li tixhed f’ dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta’ Mejju 2013 fejn spjegat li hija kienet irriskontrat f’ diversi okkazzjonijiet in-numru tat-telephone tal-allegata vittma fuq il-mobile phone ta’ zewgha u meta hija kienet tkellmet ma’ Zarb dwar dan il-fatt din kienet ammettiet maghha li kellha relazzjoni ma’ zewgha, kienet skuzat ruhha u kienet weghditha li mhux ser tkompli ccempel lir-ragel tal-imputata sabiex ma tkunx il-kagun ta’ tkissir ta’ familja.  L-imputata ssostni izda li Zarb xorta wahda kompliet iccempel lil zewgha fejn darba minnhom sahansitra bdiet tghajru u takkuzah li kien irranga l-affarijiet mal-imputata. Dwar l-incident li jifforma l-mertu tal-kawza l-imputata tghid li dakinhar hija kienet rat lil zewgha u lil Zarb jitkellmu minn fuq il-bjut tad-djar rispettivi taghhom u kienet anki sabet messagg minghand l-istess imputat fuq il-mobile ta’ zewgha u hija kienet ghalhekk marret tkellem lil Zarb sabiex tistaqsiha il-ghala hija ma kinitx zammet kelmtha. L-imputata ssostni li meta fethet il-bieb Zarb imbuttatha ‘l barra u hija mbuttat lil Zarb lura u din tal-ahhar imbaghad sabtitilha l-bieb f’ wiccha. Din il-verzjoni moghtija mill-imputata hija konsistenti ma dak li qalet fl-istqarrija rilaxxjata lil Pulizija a tempo vergine[2] fejn hija nnegat li kienet qatt messet lil Zarb f’ wiccha.

Ikkunsidrat:

Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f’ dan il-kaz huwa pjuttost evidenti li din il-Qorti

[2] Inserita a fol. 17 tal-atti processwali.

tinsab rinfacjata b’ zewg verzjonijiet tal-fatti ghal kollox konfliggenti fejn l-allegata vittma min-naha l-wahda ssostni li malli fethet il-bieb tal-komun l-imputata kienet pronta u tatha daqqa ta’ ponn f’ imnehirha filwaqt li min-naha l-ohra l-imputata ssostni li hija giet imbuttatha ‘l barra minn Zarb u li hija kull m’ ghamlet kien li mbuttat lil Zarb lura u li fl-ebda stadju ma messitha f’ wiccha. Ghalkemm huwa ben risaput li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata fil-kaz odjern kien hemm diversi fatturi li qanqlu dubji dwar il-veracita’ tal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-allegata vittma. Il-Qorti taqbel ma dak sottomess mid-Difiza li Maria Tereza Zarb naqset milli tispjega il-ghala jekk hija sofriet griehi bhala konsegwenza tal-agir tal-imputata hija ma marritx mal-ewwel l-Isptar u l-Ghassa izda ghazlet li l-ewwel tmur taghmel xagharha u kien biss wara li ghaddew erba’ sighat mill-allegat akkadut li hija marret l-Isptar. Dan il-fatt iqanqal dubju dwar jekk effettivament il-ksur riskontrat f’ imnieher Zarb giex kagunat mill-imputata jew alrimenti b’ xi mod iehor f’ dawk l-erba’ sighat li lahqu ghaddew mill-incident bejnha u bejn l-imputata sakemm hija mbaghad iddecidiet li tmur l-Isptar. Il-Qorti jidrilha li dan id-dubju ghandu jimmilita favur l-imputata u konsegwentement ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-kaz taghha sal-grad ta’ lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------